

Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2022 minn Unite the Union mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (it-Tielet Awla) fit-22 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-739/20, Unite the Union vs EUIPO – WWRD Ireland (WATERFORD)

(Kawża C-571/22 P)

(2023/C 24/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Unite the Union (rappreżentanti: B. O'Connor, avukat, M. Hommé, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), WWRD Ireland IPCO LLC

Permezz ta' digriet tal-5 ta' Diċembru 2022 il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jitħalla jitkompli, u li Unite the Union għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha stess.

Appell ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2022 minn Munich, S.L. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fit-22 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-502/20 – Munich vs EUIPO – Tone Watch (MUNICH10A.T.M.)

(Kawża C-577/22 P)

(2023/C 24/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Munich, S.L. (rappreżentanti: J. Güell Serra, M. del Mar Guix Vilanova, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Tone Watch, S. L.

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ma kkonċedietx l-ammissjoni tal-appell u ddeċidiet li Munich, S.L għandha tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Appell ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-6 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-408/21, HB vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-597/22 P)

(2023/C 24/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz, J. Estrada de Solà u B. Araujo Arce, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: HB (rappreżentant: L. Levi, avocate)

Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-6 ta' Lulju 2022, fil-Kawża T-408/21, HB vs Il-Kummissjoni, sa fejn tannulla d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2021) 3339 final, tal-5 ta' Mejju 2021, u C(2021) 3340 final, tal-5 ta' Mejju 2021;